*HYPHEN* – journal of Melitensia and the Humanities

## OFFERTA LILL-QARREJJA TA' *Il-Malti*

**Fl-aħħar ħarġa ta' *Hyphen* hemm studja ta' Joe Zammit Ciantar dwar "Malti tas-Seklu Tmintax" – studju li jittratta dwar l-ewwel kitba voluminuża ta' proża bil-Malti li nafu biha sal-lum.**

**Il-Bord Editorjali ta' *Hyphen* qiegħed joffri kopja ta' dan in-numru għall-prezz speċjali ta' 50ċ.**

**Il-Bord qiegħed joffri wkoll SITT KOPJI minn dawn in-numri li fihom hemm l-artikli li ġejjin għall-prezz ta' Lm2 BISS.**

"Demgħat tas-Silġ" – *O. Friggieri u J. Brincat*
"The French Invasion – an unpublished account" – *G.V. Ellul*
"The Fortification of Malta 1530–1798: The Impact on the Maltese – *A. Hoppen*
"1921: Electoral Issues" – *D. Micallef*
"Ornithological Toponyms in Gozo – some observations" – - *J. Zammit Ciantar*
"L-Element Romantiku f'Il-Jien u Lil Hinn Minnu" – *J. Vella*
"Il-Poeti Moderni" – *O. Friggieri*
"Eighteenth Century Malta – Prosperity and Problems" – *A. Luttrell*
"New Directions in Maltese Poetry" – *F. Sammut*
"Maltese Administrations and Reserved Matters 1921-1933" – *J.D. Bugeja*
"Linji Ġodda – Kummentarju" – *M. Azzopardi*
"Malta Before 870" – *A. Luttrell*
"The Future Tense in the Maltese Language" – *J. Zammit Ciantar*

**Ikteb u agħmel it-talba tiegħek flimkien ma' ċekk indirizzati lil**

***Hyphen,* (Att. L.J. Scerri)**
**Il-Liċeo l-Ġdid, Msida.**

# Ġorġ Zammit u l-Poeżija Tiegħu

**Il-Lehma Nebbieha**

Ix-xogħol poetiku ta' Ġ. Zammit irid ikun analizzat fl-isfond tal-linji li jadotta l-ħin kollu. It-teknika tiegħu, il-lehma tal-poeżija u l-motivi li jispirawh huma tradizzjonali u Zammit ma jitbiegħed qatt mill-poeti ta' żmienu. Il-poeżiji tal-poeti tradizzjonali jistgħu jinġabru f'taqsimiet – dawk li jittrattaw il-ħajja u n-natura, l-aspett storiku, folkloristiku u patrijottiku, il-motiv reliġjuż u l-motiv familjari. Il-poeżija ta' Zammit, għalhekk, hi aktar l-effett tal-fantasija, tas-sentimentaliżmu u tal-qalb tiegħu Maltija, milli ta' ħsibijiet u temi profondi jew intelletwali.

Fil-poeżiji tiegħu tan-natura hemm dik in-nota awtobiografika li biha jesprimi dak li għadda minnu u ġarrab matul ħajtu, il-ferħ jew in-niket, is-sliem jew l-għawġ. "Il-Ħobbejża" u "Lil Ritratt ta' Tfuliti" huma eżempji ta' poeżiji li jixhdu tfulija ferrieħa. Huma kwadru ħelu ta' żgħożitu. Iżda mhux kollox hu ward u żahar għall-poeta. Fil-poeżija "Lill-Wied tal-Lunzjata, Għawdex" juri mumenti ta' swied il-qalb.

*"Minn meta rajtek l-aħħar, mewġa kiefra*
*Għal ftit ma ħakmitnix, ja ħelu wied!*
*Inħsilt bid-dmugħ; b'għaraq il-hemm fuq ġbini*
*Ma kienx fadalli......."*

L-istess timbru ta' dwejjaq u swied il-qalb jurih meta jgħid "Lill-Werżieq tal-Ħarrub"

*"Minn fommi ma nafx noħroġ ħlief xi karba,*
*Minn qalbi ma nafx nagħsar ħlief xi demgħa."*

Il-poeżiji ta' ferħ jintrabtu mat-tfulija u joħolqu kuntrast mal-poeżiji tan-niket, li jisimbolizzaw is-snin li ġew wara. Meta jkun mifni bid-dwejjaq u jikteb versi bħal dawn,

*"Inma jaħasra, is-snin, bil-madmd tagħhom*
*Kemm kwiekeb tfewli, u kemm ġarrfuli swar!*
*Kemm twieqi fetħu fuq saltniet il-biki,*
*Kemm ward ħaduli, kemm dewquni mrar,"*

il-poeta sikwit ifittex li jistabar billi jiftakar fi żmenijiet aħjar. F'"Lil Ritratt tiegħi ta' Tfuliti" iħammem u jgħid,

*"Ftit ilu, ħriġt, u s-seħer*
*Fittixt, ta' dak iż-żmien:*
*Stħajjiltni tifel, nimraħ*
*Ma' sħabi, fil-widien...."*